BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

STATISTIKA MONETARJA TA' KULL XAHAR

**Ħarġa Nru. 09/2010**

**Diċembru 2010**

Il-Bank Ċentrali ta' Malta għadu kif ħareġ din l-istqarrija dwar l-istatistika monetarja għal Diċembru 2010.

**Il-kontribuzzjoni ta' Malta għall-aggregati monetarji u l-kontropartijiet taż-żona tal-euro**

Il-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) residenti f'Malta għall-aggregat monetarju sħiħ (M3) taż-żona tal-euro naqset bi EUR38.7 miljun, jew 0.4%, f'Diċembru, għal EUR9.4 biljuni (ara Tabella 1). Ir-rata annwali tat-tkabbir niżlet minn 6.4% f'Novembru għal 5.5%.

Il-komponent monetarju ristrett (M1) tela' bi EUR19.3 miljun, f'Diċembru, wara żieda fid-depożiti *overnight*. Madankollu, fuq bażi annwali, ir-rata ta' tkabbir battiet għal 14.7% minn 18.2% f'Novembru.

Minkejja ż-żieda fl-M1, il-komponent monetarju intermedju (M2) niżel b'EUR36.3 miljun jew 0.4%. Dan ġara l-aktar minħabba waqgħa ta' EUR54.4 miljun fid-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas, li għelbet iż-żieda li kien hemm fid-depożiti *overnight.* Għalhekk, ir-rata annwali tat-tkabbir fl-M2 battiet għal 5.3% f'Diċembru minn 6.0% xahar qabel.

Sadanittant il-kontroparti tas-self kibret bi EUR11.0 miljun, jew 0.1% f'Diċembru. Dan kien prinċipalment dovut għal żieda fis-self lill-gvern ġenerali. Madankollu, fuq bażi annwali, it-tkabbir tas-self batta minn 10.4% f'Novembru għal 9.3% f'Diċembru.

Il-kontroparti esterna tal-M3, li tirrifletti transazzjonijiet bejn l-IFM residenti f'Malta u dawk residenti f'pajjiżi barra ż-żona tal-euro naqset b'EUR163.9 miljun, jew 2.0% f'Diċembru. Parzjalment dan reġġa' lura ż-żieda li kien hemm ix-xahar ta' qabel. Tnaqqis fil-volum miżmum ta' titoli li nħarġu minn gvernijiet barra ż-żona tal-euro kkontribwixxa sostanzjalment għal waqgħa fil-kontroparti esterna, u għeleb waqgħa fil-volum ta' depożiti fissi miżmuma minn persuni mhux residenti ma' banek residenti.

Il-kontropartijiet l-oħra tal-M3 naqsu b'EUR114.3 miljun, jew 0.9% f'Diċembru. Dan irrifletta waqgħa fil-kontijiet kurrenti tal-gvern ġenerali u tnaqqis fl-obbligazzjonijiet oħra (netti). Dawn tal-aħħar jinkludu transazzjonijiet bejn il-banek fiż-żona tal-euro. Għal kuntrarju, l-obbligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal żdiedu minħabba żieda fir-riservi.

**Depożiti miżmuma minn u self lil residenti Maltin**

Id-depożiti totali miżmuma minn residenti ta' Malta ma' IFM Maltin żdiedu b'EUR31.1 miljun, jew 0.4%, matul Diċembru, minħabba żieda fid-depożiti *overnight* u fid-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas. Għaldaqstant, ir-rata tat-tkabbir annwali rrankat għal 5.1% minn 4.1% f'Novembru.

Matul ix-xahar kopert, id-depożiti *overnight* ta' residenti Maltin kibru b'EUR24.0 miljun, jew 0.6%. Dan kien dovut għal żieda fid-depożiti miżmuma minn individwi li għelbet waqgħa fil-bilanċi miżmuma minn kumpaniji privati mhux finanzjarji. Għal kuntrarju, żieda ta' EUR7.2 miljuni, jew 0.2%, fid-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas seħħet minħabba żieda fid-depożiti ta' kumpaniji privati mhux finanzjarji, li għelbet waqgħa fid-depożiti tal-intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek.

Sadanittant, is-self lir-residenti ta' Malta (inkluż il-gvern) minn IFM Maltin kiber matul Diċembru b'EUR41.2 miljun, jew 0.4%, wara li żieda fis-self lil residenti oħra għelbet waqgħa fis-self lil gvern ġenerali. Ir-rata annwali tat-tkabbir battiet għal 5.8% minn 6.7% f'Novembru.

Is-self lill-gvern ġenerali Malti naqas bi EUR42.8 miljuni jew 2.0%, f'Diċembru. Dan primarjament irrifletta waqgħa sostanzjali fil-*bills* tat-Teżor u, fuq livell anqas, fl-istokks tal-Gvern ta' Malta miżmuma mill-banek. Madankollu, minħabba li kien hemm waqgħa aktar qawwija s-sena ta' qabel, ir-rata annwali tat-tkabbir irrankat minn 8.3% f'Novembru għal 8.5%.

Kuntrarju għal dan, is-self lil residenti lokali barra l-gvern ġenerali kiber b'EUR84.0 miljun, jew 1.0% matul ix-xahar kopert. Dan ġara minħabba żieda fis-self lil kumpaniji mhux finanzjarji privati u pubbliċi, kif ukoll individwi. Madankollu, ir-rata annwali tat-tkabbir battiet għal 5.1% f'Diċembru, minn 6.3% x-xahar ta' qabel, biex b'hekk kompliet ix-xejra ġenerali 'l isfel li ilha tkun osservata minn Mejju 2010.

**Assi barranin netti tal-IFM Maltin**

Matul ix-xahar kopert, l-assi barranin netti, żdiedu b'EUR10.4 miljuni, jew 0.1% (ara Tabella 2).[1] Din iż-żieda ġiet minn tnaqqis fl-obbligazzjonijiet barranin tal-banek li għeleb waqgħa fl-assi barranin tagħhom. Iż-żieda sostanzjali fl-assi barranin netti meta mqabbla ma' sena qabel kienet affettwata b'mod konsiderevoli mill-operat ta' bank li ngħata liċenzja kmieni fl-2010.

**Rati ta' imgħax bankarji fuq self u depożiti**

Ir-rata tal-imgħax medja ppeżata mħallsa f'Diċembru minn banek residenti fuq depożiti tal-klijenti baqgħet l-istess fil-livell tax-xahar ta' qabel jiġifieri 1.37%, filwaqt li r-rata mitluba fuq is-self kollu naqset minn 4.73% għal 4.72%.

***Aktar informazzjoni ekonomika u monetarja tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta' Malta www.centralbankmalta.org***

[1] L-assi netti barranin jikkonsistu f'obbligazzjonijiet netti ta' residenti fil-kumplament tad-dinja lejn IFM residenti f'Malta. Ir-residenti fil-kumplament tad-dinja jinkludu residenti barra ż-żona tal-euro u residenti ta' pajjiżi fiż-żona tal-euro barra Malta.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 1: IL-KONTRIBUZZJONI TAL-IFMs RESIDENTI LILL-AGGREGATI MONETARJI TAŻ-ŻONA TAL-EURO U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAGĦHOM(1)

*€ miljuni*

| | Diċ-10 | Nov-10 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Diċ-09 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-AGGREGATI MONETARJI(2)** | | | | | | | |
| **L-AGGREGAT RISTRETT (M1)** | **4,999.0** | **4,979.7** | **19.3** | **0.4** | **4,359.5** | **639.5** | **14.7** |
| Flus maħruġa(3) | 674.4 | 665.7 | 8.7 | 1.3 | 639.8 | 34.6 | 5.4 |
| Depożiti *overnight* (4) | 4,324.6 | 4,314.0 | 10.6 | 0.2 | 3,719.8 | 604.8 | 16.3 |
| **L-AGGREGAT INTERMEDJU (M2)** | **9,128.9** | **9,165.2** | **-36.3** | **-0.4** | **8,671.1** | **457.8** | **5.3** |
| L-aggregat ristrett (M1) | 4,999.0 | 4,979.7 | 19.3 | 0.4 | 4,359.5 | 639.5 | 14.7 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas(4) | 124.3 | 125.5 | -1.2 | -1.0 | 111.7 | 12.6 | 11.3 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas(4) | 4,005.6 | 4,060.0 | -54.4 | -1.3 | 4,199.9 | -194.3 | -4.6 |
| **L-AGGREGAT SĦIĦ (M3)** | **9,370.5** | **9,409.2** | **-38.7** | **-0.4** | **8,883.3** | **487.2** | **5.5** |
| L-aggregat intermedju (M2) | 9,128.9 | 9,165.2 | -36.3 | -0.4 | 8,671.1 | 457.8 | 5.3 |
| Self kontra titoli | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| Titoli ta' self li nħarġu għal sentejn jew anqas(5) | 241.6 | 244.0 | -2.4 | -1.0 | 212.2 | 29.4 | 13.9 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAL-M3** | | | | | | | |
| **IL-KONTROPARTI TAS-SELF** | **14,466.7** | **14,455.7** | **11.0** | **0.1** | **13,232.0** | **1,234.7** | **9.3** |
| Self lill-gvern ġenerali | 3,885.8 | 3,877.7 | 8.1 | 0.2 | 3,165.6 | 720.2 | 22.8 |
| Self lil setturi oħra | 10,580.8 | 10,578.0 | 2.9 | 0.0 | 10,066.3 | 514.5 | 5.1 |
| **IL-KONTROPARTI ESTERNA** | **8,183.3** | **8,347.2** | **-163.9** | **-2.0** | **6,646.9** | **1,536.4** | **23.1** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro | 29,948.7 | 30,383.5 | -434.8 | -1.4 | 24,843.9 | 5,104.9 | 20.5 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro (-) | 21,765.5 | 22,036.3 | -270.9 | -1.2 | 18,197.0 | 3,568.5 | 19.6 |
| **IL-KONTROPARTIJIET L-OĦRA** | **13,279.4** | **13,393.7** | **-114.3** | **-0.9** | **10,995.6** | **2,283.9** | **20.8** |
| Obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali | 675.7 | 774.8 | -99.1 | -12.8 | 541.9 | 133.8 | 24.7 |
| Obligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal | 11,527.7 | 11,422.2 | 105.4 | 0.9 | 5,531.8 | 5,995.8 | 108.4 |
| Obbligazzjonijiet oħra (netti) | 1,076.1 | 1,196.6 | -120.6 | -10.1 | 4,921.8 | -3,845.8 | -78.1 |

(1) Il-figuri juru l-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) Maltin għat-totali taż-żona tal-euro.

(2) Data dwar l-aggregati monetarji jinkludu obbligazzjonijiet fuq depożiti kemm lil residenti ta' Malta kif ukoll lil residenti oħra fiż-żona tal-euro.

(3) Dan ma jirrappreżentax kejl tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni f'Malta. Dan jinkludi s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta mill-karti tal-flus tal-euro maħruġa mill-Eurosistema, skont l-*allocation key* tal-karti tal-flus (li tirrifletti s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta fil-kapital imħallas tal-BĊE), kif ukoll muniti maħruġa mill-Bank f'isem it-Teżor wara li jiġi mnaqqas il-valur ta' karti tal-flus u muniti tal-euro miżmuma mis-settur tal-IFM. Għall-2008, ġew inklużi l-karti tal-flus u l-muniti tal-lira Maltija li għadhom ma ssarrfux. Dan għalhekk jirrappreżenta l-ammont li jifdal ta' flus li nħarġu wara li jitnaqqsu l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro (u temporanjament il-flus tal-lira Maltija) miżmuma minn IFM f'Malta.

(4) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

il-filliera turi l-ammonti netti (ħruġ ta' titoli bl-ammont miżmum minn IFM f'Malta mnaqqas) u jistgħu jkunu negattivi. Il-figuri jinkludu wkoll ishma/unitajiet ta' fondi li jinvestu fi swieq tal-flus (MMF).

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 2: ŻVILUPPI FID-DEPOŻITI U FIS-SELF TA' RESIDENTI TA' MALTA U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI

*€ miljuni*

| | Diċ-10 | Nov-10 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Diċ-09 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **DEPOŻITI** | | | | | | | |
| **DEPOŻITI TOTALI TA' RESIDENTI** | **8,196.8** | **8,165.7** | **31.1** | **0.4** | **7,802.4** | **394.3** | **5.1** |
| Depożiti *overnight* | 4,225.1 | 4,201.1 | 24.0 | 0.6 | 3,633.6 | 591.5 | 16.3 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas[(1)] | 123.5 | 123.6 | -0.1 | -0.1 | 111.6 | 12.0 | 10.7 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas[(1)] | 3,848.1 | 3,840.9 | 7.2 | 0.2 | 4,057.2 | -209.1 | -5.2 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI** | | | | | | | |
| **SELF TOTALI LIL RESIDENTI** | **10,279.1** | **10,237.9** | **41.2** | **0.4** | **9,719.8** | **559.3** | **5.8** |
| Self lill-gvern ġenerali | 2,091.0 | 2,133.8 | -42.8 | -2.0 | 1,927.4 | 163.6 | 8.5 |
| Self lil setturi oħra | 8,188.1 | 8,104.1 | 84.0 | 1.0 | 7,792.4 | 395.7 | 5.1 |
| **ASSI NETTI BARRANIN** | **11,189.3** | **11,178.8** | **10.4** | **0.1** | **5,216.2** | **5,973.1** | **114.5** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barranin | 40,922.1 | 41,483.2 | -561.1 | -1.4 | 32,099.9 | 8,822.3 | 27.5 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barranin (-) | 29,732.8 | 30,304.4 | -571.6 | -1.9 | 26,883.6 | 2,849.2 | 10.6 |

[(1)] Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.